# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 338/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2021

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, **Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 49044(A), quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn s-27 u t-28 ta' Mejju 2018 f'hinijiet differenti gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija Floriana u gewwa l-Isptar Mater Dei, Msida;

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna

inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PS 39 Jean Paul Zahra fil-waqt li kien qed jagixxi ghall- ezekuzzjoni tal-ligi jew tal-ordni moghti skond il- ligi mill-awtorita kompeten, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

2. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PS 39 Jean Paul Zahra, WPS250 Amanda –Jane Parascandolo Bunce, PC 1077 Anthony Theuma u ufficcjali ohra waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta ' PS 39 Jean Paul Zahra skond ma iccertifika Dr. Carlo Refalo Med. Reg. 3235 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikolu 221 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu PS 39 Jean Paul Zahra, WPS 250 Amanda –Jane Parascandolo Bunce, PC 1077 Anthony Theuma u ufficcjali tal-pulizija, waqt li kienu qed jaqdu id-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkel jew indahal lill- imsemmija ufficcjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara gewwa c-

cella numru 111 gewwa l-Kartieri Generali, Furjana liema hsara ma taccedix il-mitejn u hamsin Ewro (€250) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325(1c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat, glied, u storbju ta' xorta ohra bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti u gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika bi ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D) nhar is-7 ta Frar 2012 f'dan li bih inghata l-helsien mill arrest taht garanzija ta' €2000 u dana bi ksur ta l-artikolu 579(2) (3) tal-ligijiet ta Malta;

9. Il–Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan u ordnat l-arrest mill gdid ta l-imsemmi imputat kif ukoll ordnat li s-somma ta' €2000 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex titratta lill- imputat bhala ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li saru effettivi u ma jistghux jigu

mibdula. Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta htija , barra li applikat l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' PS 39 Jean Paul Zahra, WPS250 Amanda – Jane Parascandolo Bunce, PC 1077 Anthony Theuma u ufficcjali tal-pulizija, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat torbot lil Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma ta' flus li giet ffissata mill-Qorti billi applikat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, ghal zmien li thoss xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Lulju, 2018 li biha sabet lill-imputat **mhux hati tal-hames (5) u tas-seba' (7)** imputazzjoni u minnhom illiberatu, izda sabitu **hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni kompriza mal-ewwel wahda u bir-raba' (4) imputazzjoni kompriza fit-tieni (2) wahda u tas-sitt (6) imputazzjoni** w kkundannatu ghal sentejn prigunerija u multa komplessiva ta' hamest elef ewro (€5,000). Irrizulta ukoll li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest meta wettaq ir-reati li ghalihom instab hati, liema ksur il-Qorti ma setghetx tqis wiehed zgħir u ghalhekk in kwantu għall-imputazzjoni tmienja (8) u disgha (9) filwaqt li irrevokat l-għoti tal-beneficcju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fis-7 ta' Frar 2012 ordnat l-arrest mill-gdid tal-ħati, u ordnat li s-somma totali ta' elfejn ewro (€2,000) imsemmija fl-

obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan skont l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9. Stante illi l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, il-Qorti laqghet t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri u ikkundannat lil imputat biex ihallas elf, mitejn u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,225.28) u dan fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza;

Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ordnat lill-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex hekk kif l-imputat jiskonta din is-sentenza jintbaghat lura t-Tunesija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Lulju, 2019, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza** tal-ewwel Qorti billi tilliberah mill-akkuza [*recte*: imputazzjoni] dedotta fil-konfront tieghu u b'mod subordinat talab lill-Qorti joghgobha **tvarja** is-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fir-rigward tal-piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra jokkorri li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti huma mehtiega bhala motivazzjoni ghaliex dan l-appell huwa limitat kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti. L-ewwel fost dawn huma li minkejja li l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravam fuq s-sejbien ta' htija kif ukoll fuq il-piena kominata mill-ewwel Qorti, fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti l-abbli difensur tal-appellant ddikjara li kien ser jaghmel sottomissjonijiet biss dwar il-piena (ara traskrizzjonijiet tas-sottomissjonijiet a fol tal-atti processwali). Irid jinghad illi l-Avukat li assista lill-appellant quddiem din il-Qorti ma huwiex l-istess wiehed li rrediga r-rikors tal-appell u l-Avukat li rrediga l-appella ma huwiex l-istess Avukat li assista lill-imputat fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati;

2. Dak appena osservat jimpingi direttament fuq l-appell odjern ghaliex jidher illi l-Avukat li finalment ppatrocinja lill-appellant rrinunzja ghal-lanjanza tieghu dwar is-sejbien ta' htija. Din il-konkluzzjoni qed ttiehed fl-isfond tar-rikors tal-appell inniffsu li din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li sar bl-aktar mod irresponsabbli u minghjar aderenza mar-regoli li jsawru rikors ghal-revizjoni ta' sentenza. Apparti li ma jaghmel ebda distinzjoni bejn il-fatti u r-ragunijiet tal-appell, ossia l-aggravji kif rikjest mill-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali finalment jghid fil-paragrafu 11:

> "*Kif inghad l-aggravju tal-appellanti hija fir-rigward is-sejbien ta' htija u li, subordinament u minghajr pregudizzju, kellha tinghata piena aktar xierqa ghac-*

*cirkostanzi. Illi ghalhekk, l-appellanti jishaq li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatturi segwenti:*

*i) Li l-appellanti ilu jghix Malta ghal madwar 17-il sena u li qatt ma kellu problemi ma' cittadini Maltin;*
*ii) Li l-appellant ghandu l-familja tieghu hawn Malta, jigifieri hawn it-tlett (3) itfal – li ghandhom 16-il sena; 8 snin u ohra zghira – kif ukoll omm it-tfal li hija Maltija;*
*iii) Li l-appellanti kien jahdem bhala plumber u electrician kif ukoll kien ghamel zmien impjegat ma' kumpanija bhala supervisor, jigifieri kellu xi nies tahtu. Kif ukoll li hu qatt ma kellu xi rapporti kontra tieghu;*
*iv) Li l-appellanti ma setghax igedded il-kuntratt tieghu ma' din il-kumpanija ghaliex il-karta tal-identita' tieghu hija mizmuma mill-Qorti u din kienet lahqet skadiet;*
*v) Li n-nies li kienu fl-ambulanza ma kienux xehdu;*
*vi) Li n-nurses mill-ITU (Intensive Treatment Unit) ma kienux xehedu; u*
*vii) Li t-tobba tal-isptar ma kienux xehedu hu x'kellu u ghalfejn kien spicca l-isptar.*

3. Issa, ezaminati l-atti processwali, jirrizulta illi waqt is-sottomissjonijiet orali quddiem l-ewwel Qorti, l-avukat difensur tal-imputat li allura huwa l-ewwel wiehed li kien qed jippatrocinah u li huwa differenti mill-avukat li rrediga l-appell iddikjara hu stess illi l-artikolu 95 jirrizulta u l-Qorti tifhem illi l-imputazzjoni kif ravvizata fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali tirrizulta pruvata. Iddikjara izda illi ma jirrizultax

l-artikolu 96. Iddikjara li kien inutili li joqghodu jargumentaw dwar il-ksur ta' bail allura riferibilment ghall-imputazzjoni li kiser il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest u li dwar il-hsarat ma kienx ser joggezzjona li jithallsu ghaliex dak huwa l-istat;

4. Illi minn ezami tal-atti processwali jemergi illi minkejja li l-imputat kellu kull opportunita' li jintroduci ix-xhieda tieghu inkluz li jaghmel kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, ddekada minn din l-opportunita' biex jistaqsi ghalfejn kien arrestat fl-ewwel lok. Iddekada ukoll mid-dritt tieghu li jtella' xhieda in difesa inkluz it-tobba u n-nies tal-ambulanza u issa jilmenta li dawn ma xehedux u ma jafx ghaliex kien arrestat meta allegatament ghamel dak kollu li dwaru huwa imputat. Pero' mill-NPS Report esebit a fol 87 tal-atti processwali jirrizulta illi l-imputat kien arrestat mill-Armier fuq talba tal-Ispettur Maurice Curmi li dak il-hin kien duty l-Armier Beach Party u li kellu bzonn l-assistenza biex ikun skortat persuna li kien arrestat waqt dan l-event. Dak kien l-origini tal-arrest tieghu u wara li ttiehed fil-*lock up* tal-Kwartieri Generali tal-Furjana fejn imbaghad gara dak allegat fl-imputazzjonijiet;

5. Illi ghalhekk huwa logiku li din il-Qorti tikkonkludi illi d-difensur tal-appellant kien qed jillimita l-appell tieghu dwar il-piena fis-sottomissjonijiet orali tieghu ghaliex intebah illi dak minnu lamentat fir-rikors tal-appell redatt mid-difensur precedenti kien inutili u prattikament ammess. Hija ghalhekk ghal din ir-raguni illi l-appell odjern qed ikun konsiderat bhala wiehed limitat ghall-piena. Minkejja dan, anke li kieku din il-

Qorti kellha tezamina l-argumenti mressqa mill-appellant ghaliex ma kellux jinstab hati mill-ewwel Qorti, tqis l-istess agumenti bhala frivoli. L-appellant ma jistghax, issa, f'dan l-istadju iressaq dak li hu iqis bhala fatti li seta' jressaq quddiem l-ewwel Qorti u li frankament ma kien ikollhom l-ebda effett fuq il-kawza;

6. Illi kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti l-imputat, la darba misjub hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali, fl-artikolu 96 li hu l-aktar gravi minn dawn it-tnejn kien passibbli ghal prigunerija minn sitt xhur sa sentejn u ghall-multa minn €4000 sa €10,000. Issa bl-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9, la darba misjub hati ta' zewg delitti jew izjed li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta', persuna tkun ikkundannata ghad-delitt l-aktar gravi b'zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien. Fil-kalkoli in rigward ghalhekk ghandha ssir referenza ghall-artikoli 95, 221, u 325 (1)(c) u 579(2) tal-Kodici Kriminali . Gia ghalhekk il-piena kominata hija fil-parametri tal-ligi u meta konsiderat illi bl-agir tieghu wiehed mill-ufficcjali tal-pulizija li intervjenew biex irazznu l-agir vjolenti tal-imputat sofra offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tieghu u diversi ufficcjali ohra ssubew ingurja;

7. Illi ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata ghar-ragunijiet moghtija *supra* u konsegwentement tikkonferma s-sentenza kwantu sejbien ta' htija; kwantu t-tieni talba ghal-varjazzjoni tas-sentenza ghal dak li jirrigwarda l-piena, tiddeciedi li ma hemm ebda raguni

ghaliex din il-Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-piena erogata kwantu s-sanzjoni pekunjarja u karcerarja u ghalhekk tikkonferma l-istess. Minkejja dan, qed tirrevoka l-ordni tal-ewwel Qorti maghmula lill-Ufficcjal Ewlieni tal-Imigrazzjoni sabiex jiddeporta lill-appellant mal-esekuzzjoni tas-sentenza u minflok qed thalli din id-diskrezzjoni f'idejn l-Ufficcjal Ewlieni tal-Imigrazzjoni skond il-poteri moghtija lilu bis-sahha tal-Kap 217 u/jew il-Ministru tal-Imigrazzjoni skond l-artikolu 22(1) tal-istess Kap u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-istess Ufficcjal Ewlieni tal-Imigrazzjoni u l-Ministru tal-Imigrazzjoni;

8. Tikkonferma s-sentenza fil-kumplament.